- Rapprezentanza legali ta'ditta estera
- Aġent tal-kummerċ – *authorized dealer* –
- Ordni logiku li fih ghandhom jitressqu l-eccezzjonijiet
- Eccezzjoni deklinatorja ghandha titressaq l-ewwel
- Il-piz tal-prova li l-konvenut mhux litiskonsorzju idoneu jaqa' fuqu billi jkun hu li eccepiha

**MALTA**

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**

**Seduta tal-10 ta' Jannar 2019**

**Rik. Ġur. 1177/2009 fl-ismijiet:**

Martin Degabriele (ID 226254M)

-vs-

Gasan Enterprises Ltd (C467)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2009 min Martin Degabriele fejn espona u bil-ġurament tiegħu ikkonferma:

1. Illi ir-rikorrenti xtara vann tat-tip *Ford Transit* bin-numru tar-reġistrazzjoni HMY 211 mingħand terzi, liema terzi kienu xtraw l-imsemmi vann bħala l-ewwel sidien mill-Ingilterra (Dok A anness);
2. Illi meta ir-rikorrent akkwista l-vann in kwistjoni, tali vann kien għadu kopert bis-sentejn garanzija illi kien iġorr miegħu bħala vettura ġdida tat-tip *Ford*, liema garanzija hija wahda ta' natura internazzjonali, b'dan illi minkejja li l-vann in kwistjoni inhareg l-Ingilterra, l-istess vann baqa' kopert bl-istess garanzija minkejja illi sussegwentement ġie mdaħħal ġewwa Malta;
3. Illi s-socjeta' intimata awtorizzata sabiex tirraprezenta l-marka Ford ġewwa Malta, u għaldaqstant, hija responsabbli sabiex tonora l-garanzija illi tingħata mill-fabbrika tal-marka Ford, u dan irrispettivament mill-pajjiz minn fejn tkun toriġina l-vettura *stante* illi l-garanzija hija waħda ta' natura internazzjonali;
4. Illi l-vettura in kwistjoni zviluppat certi ħsarat, u ttieħdet għand is-socjeta' intimata sabiex tissewwa diversi drabi taħt il-garanzija izda minkejja dan xorta waħda baqgħet ma tiffunzjonax tajjeb u anke zviluppat ħsarat ohra;
5. Illi meta is-soċjeta' intimata ġiet avviċinata għal darb'ohra mir-rikorrenti sabiex issewwi l-istess vettura taħt il-garanzija, is-soċjeta' intimata naqset milli tagħmel dan;
6. Illi r-rikorrenti, sabiex jimminimizza d-danni minnu sofferti, ma kellu l-ebda alternattiva oħra għajr illi jsewwi l-vann a spejjez tiegħu u kellu anke jingaġġa servizzi ta' terzi sabiex dawn jonoraw is-servizzi ta' transport li huwa kien ikkommetta ruħu li jagħti permezz tal-vann in kwistjoni;

Għalhekk talab lill-Qorti:

1. tiddikjara illi is-soċjeta' intimata naqset milli tonora l-obbligi tagħha kif naxxenti u inerenti mill-kundizzjonijiet tal-garanzija fuq il-vettura tat-tip *Ford Transit* bin-numru tar-registrazzjoni HMY-211;
2. tiddikjara illi is-socjeta intimata ikkawzat danni lir-rikorrent konsistenti f'telf ta' xogħol, spejjez sabiex terzi jonoraw is-servizzi ta' transport li r-rikorrenti kien ikkommetta ruħu li jagħti, spejjez legali, spejjez ta' konsulenza legali u spejjez ohra konnessi;
3. tillikwida l-istess danni u spejjez sofferti mir-rikorrenti inutilment;
4. tikkundanna lil-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent id-danni u spejjez hekk likwidati;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr Louis Bianchi ID No 27347M għas-socjeta' Gasan Enterprises Limited li eċepixxa illi:

1. l-inkompetenza ta' din il-Qorti mhix kompetenti billi li kwalsjasi danni li seta' sofra r-rikorrent f'din il-kwistjoni ma jeċċedux €11646.86 (LM5000.00);
2. s-soċjeta intimata mhiex il-leġittimu kontradittur stante li hija m'għandha l-ebda rapprezentanza legali tas-soċjeta' *Ford Motor Company* liema socjeta' kienet il-kumpanija responsabbli biex tipprovdi l-garanzija. Ta' min jinnota illi l-vettura in kwistjoni inxtrat *second hand* mill-Ingilterra mingħand certu Tom Challinor u mhux mingħand is-soċjeta' intimata, u għalhekk ir-rikorrenti missu ħarrek lil Tom Challinor u/jew lil Ford Motor Company direttament;
3. fil-meritu l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent billi qatt ma ġab prova sodisfaċenti illi l-vettura in kwistjoni minn meta kienet ġiet l-ewwel darba reġistrata ġewwa l-Ingilterra kien sarilha xogħol ta' *servicing* u *maintenance* skond il-kundizzjonijiet tal-garanzija qabel ma' rreġistra l-ilment tiegħu meritu ta' din il-kawza mall-

kumpanija intimata. Fil-fatt ir-rikorrenti, għalkemm ġie mitlub, qatt ma pproduċa s-*Service Portfolio* li kull vettura li tinbiegħ l-Ingilterra għandha jkollha u li kull darba li isirilha *service* jiġi ttimbrat;

4. ir-rikorrenti minkejja li ġie mitlub diversi drabi qatt ma pproduċa l-garanzija oriġinali tal-vettura in kwistjoni, ir-*Registration Certificate* oriġinali (jew kopja legali) tal-vettura maħruġ mill-Ingilterra, u ferm anqas ma ipproduċa s-*service history* tagħha flimkien mar-riċevuti relatati mas-*service schedules,* minn meta ġiet l-ewwel darba reġistrata din il-vettura ġewwa l-Ingilterra, liema *service history* u riċevuti huma importanti għall-finijiet tal-validita' *o meno* tal-garanzija – kien propju għalhekk illi t-talba tiegħu li din il-vettura tissewwa taht il-garanzija giet michuda minn Ford Motor Company;
5. għal kull buon fini jiġi rilevat u sejjer jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, illi tul iz-zmien kollu li din il-vettura kienet għand ir-rikorrenti u anki precedentement, kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-garanzija, billi fost raġunijiet oħra qatt ma sarilha service skond il-*ford maintenance schedules and service instructions,* kif l-istess rikorrenti kien obbligat li jagħmel biex b'hekk il-garanzija tibqa' waħda valida, u kien propju għalhekk illi t-talba tiegħu biex isiru xogħlijiet taħt il-garanzija ġew miċħuda minn Ford Motor Company;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tal-24 t' Ottubru 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' s-soċjeta' konvenuta tal-31 t'Ottubru 2018;

Ikkunsidrat:-

**Il-fatti**

Illi jirriżulta li fil-25 t'April 2008 l-attur xtara fl-Ingilterra vann tat-tip Ford Transit mingħand ċertu Tom Challinor[1] li kien xtrah mingħand Ford Motor Company. Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħha kienet il-21 ta' Ġunju 2007. Meta xtrah, il-vann kien għadu taħt garanzija ta' tlett snin[2], li taqra hekk:

*Your Ford vehicle benefits from a Ford Base Warranty that is operated through Ford Authorized Dealers.*

*If any part of the vehicle requires repair or replacement as a result of a manufacturing defect, the part will be repaired or replaced completely free of charge by any Ford Authorised Dealer, regardless of any change of vehicle ownership during the warranty period.*[3]

L-attur ħa l-vann diversi drabi għat-tiswija għand is-soċjeta` konvenuta: fis-6 ta' Mejju 2008, fit-2 ta' Ġunju 2008, u fit-3 ta' Diċembru 2008 għal liema tiswijiet ma ħallas xejn billi s-soċjeta` konvenuta aċċettat li kienu

---

[1] Ara kopja fotostatika mhux awtentikata tar-*registration certificate*, esibit bħala Dok A, a fol 7

[2] fir-rikors ġuramentat, paragrafu 2 l-attur jgħid li l-garanzija kienet ta' sentejn, għalkemm mid-dokument tal-garanzija jirriżulta li kienet għal tlett snin.

[3] kopja fotostatika mhux awtentikata tinstab esibita mal-affidavit tal-attur, esibit bħala Dok MD3 a fol 33 et seq.

jaqgħu taħt il-garanzija. Fid-19 ta' Jannar 2009 reġa' ħa l-vann għat-tiswija iżda din id-darba, is-soċjeta` konvenuta infurmatu[4] li kellha bżonn l-approvazzjoni ta' Ford Motor Company biex jaċċettaw li t-tiswija kienet taqa' taħt il-garanzija;

Illi sewwa għamlet is-soċjeta` konvenuta li poġġiet bħala l-ewwel eċċezzjoni n-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* qabel m'għaddiet għat-tieni eċċezzjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni proċesswali u fl-aħħarnett l-eċċezzjonijiet fil-mertu. Dan għaliex fl-ordni loġiku-ġuridiku, l-eċċezzjonijiet deklinatorji għandhom jiġu mressqin qabel kull eċċezzjoni oħra, għaliex konvenut, qabel ma jġib ir-raġunijiet tiegħu kontra d-domanda, jinħtieġ ikun jaf quddiem liema Qorti jrid iressaqhom. Tant hu hekk li min iressaq id-difiża tiegħu quddiem Qorti mingħajr ma jressaq id-deklinatorja jitqies li ssottometta ruħu għall-kompetenza tagħha[5];

Illi b'danakollu, is-soċjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-ewwel eċċezzjoni tagħha u l-anqas aċċennat għaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħha. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra jkollha tiġi miċħuda;

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni, s-soċjeta` konvenuta qiegħdha tissottometti li mhix il-litiskonsorzju idoneu kontra t-talba tal-attur. Ingħad mill-Qorti tal-Appell li "Il-prova tal-allegata ineżistenza ta' dan ir-rapport organiku neċessarjament tinkombi fuq is-soċjeta` appellata in kwantu hi din li eċċepietha. Hi kellha taċċerta u tipprova għall-konvinċiment tal-Qorti li ma kellha ebda rabta mal-*causa petendi* tal-avviż fil-konfront tagħha. Dan hu bil-wisq loġiku ġjaladarba hi proprju s-socjeta` appellata li qegħda tikkontendi li hi ma għandha, u qatt ma

---

[4] Permezz ta' ittra esibita a fol 47

[5] Trattato delle Eccezioni in Materia di Procedura Civile del Sig. Goubeau, versione italiana, Napoli, 1827, p. 4

kellha, ebda kollegament mas-suġġett mertu tal-kawża u, allura wkoll, mar-riżultat li s-soċjeta` appellanti tispetta li tottjeni bil-provvediment ta' kundanna minnha proposta".[6] Fil-każ preżenti, s-soċjeta` konvenuta ressqet provi konvinċenti in sostenn tat-tieni eċċezzjoni tagħha, kif sejjer jiġi spjegat;

Illi jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta hi (ara dikjarazzjoni ta' Victor Molnar, direttur ta' Ford Central and Eastern Europe), u lanqas qatt kienet (ara affidavit ta' Stefan Deguara) rappreżentant legali ta' Ford Motor Company, US.[7] Stefan Deguara żied jistqarr li s-soċjeta` konvenuta qatt ma kellha din ir-rappreżentanza fil-passat, imma hija biss importatriċi tal-vetturi tal-marka Ford mingħand il-kumpannija.[8] Ikkontro-eżaminat żied jgħid li hija *authorized dealer* li tfisser li tista' ġġib prodott ibbrendjat "Ford".[9] Awtorizzata minn Ford Motor Company li tagħmel tiswijiet taħt garanzija tal-valur taħt ċertu ammont; 'il fuq minn dan l-ammont hi obbligata titlob l-awtorizzazzjoni tagħha. Hekk ġara fil-każ tal-attur. Stqarr li f'Malta hi l-"aġent" ossia "*dealer*" tal-prodott tal-kumpannija Ford. Dan ġie kkonfermat ukoll minn Julian Borg, manager tas-soċjeta` konvenuta, waqt il-kontro-eżami, li speċifika li s-*ceiling* ta' xogħol bla awtorizzazzjoni speċifika kien sal-valur ta' elf euro.[10] It-tiswijiet li saru kienu taħt l-elf euro filwaqt li t-tiswija li s-soċjeta` konvenuta rrifjutat li tagħmel, u li huma mertu ta' din il-kawża, kienu ta' 'il fuq minn elf euro;

Illi l-attur ħarrek lis-soċjeta` konvenuta personalment. Ma ħarrikhiex fil-kapaċita` tagħha bħala aġent; kieku għamel hekk, fl-okkjo kien iniżżel li kien qiegħed iħarrek lis-soċjeta` konvenuta *bħala rappreżentant tas-*

[6] Atlas Insurance Limited v Air Cargo Logistics Limited 01.03.2006 Qorti tal-Appell, ippreseduta mill-Onor. Imħallef Philip Sciberras
[7] fol 196
[8] fol 195
[9] fol 249
[10] fol 261, 265

*soċjeta` estera Ford Motor Company.* Huwa ma xtarax il-vettura in kwistjoni mingħand is-soċjeta` konvenuta u għalhekk din m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika miegħu fil-kapaċita` personali tagħha. Anke kieku ħarrikha bħala aġent, l-azzjoni tiegħu ma kinitx tirnexxi għax mhix aġent tas-soċjeta` estera. Lanqas għandha r-rappreżentanza ġuridika tagħha;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni, tilqa' t-tieni waħda, tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta mhix il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi; teħlisha milli jibqa' fil-kawża; konsegwentement tastjeni milli tikkunsidra l-punti l-oħra mqajjma mill-kontendenti u tiċħad it-talbiet tal-attur. Spejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-attur.

Onor. Grazio Mercieca

Imħallef